MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 336/2008

**N. Cordina Marketing Ltd.**

**Vs**

**Blue Harbour Developments Limited ga Ta’ Xbiex Lapins Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li biha s-socjeta` attrici wara li qalet illi:

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta’ tlieta u hamsin elf sitt mija u tlieta u erbghin Euro u tmienja u erbghin centezmi (€53,643.48) – ekwivalenti ghal tnejn u ghoxrin elf u disa’ mija u hamsa u

sebghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmi (Lm 22, 975.59).

Illi dan il-kreditu tas-socjeta` attrici fuq imsemmi, jirraprezenta in kwantu ghal tlieta u erbghin elf seba’ mija u disgha u sebghin Euro u sitt centezmi (€ 43,779.06) bilanc ta’ prezz ta’ merca mibjugha mis-socjeta` attrici lil istess socjeta` konvenuta f’diversi okkazjonijiet (meta din kien anke jisima’ Ta’ Xbiex Lapins Ltd.) u in kwantu ghal disa’ telef tmien mija u erbgha u sittin Euro u tnejn u erbghin centezmi (€9,864.42) imghax kummercjali kalkolat mdi-data ta’ kull fattura sal-31 ta’ Marzu 2008.

Illi ghalkemm saru xi pagamenti daparti tas-socjeta` konvenuta, sallum il-bilanc fuq indikat ghadu dovut.

Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas dan il-kreditu tas-socjeta` attrici li huwa cert, likwidu, u dovut, is-socjeta` konvenuta baqghet ma ssaldatx il-bilanc fuq imsemmi.

Illi fil-fehema tal-esponent is-socjeta` konvenuta ma jista’ jkollha ebda difiza kontra dan il-kreditu tas-socjeta` attrici.

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta’ tlieta u hamsin elf sitt mija u tlieta u erbghin Euro u tmienja u erbghin centezmi (€ 53,643.48) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merca mibjugha f’diversi okkazjonijiet mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, u l-imghax kummercjali kalkolat mid-data ta’ kull fattura sal-31 ta’ Marzu, 2008.

Illi dan il-kreditu tas-socjeta` attrici huwa wiehed cert, likwidu u dovut.

Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas dan id-debitu taghha, s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk saret il-kawza.

Talbet illi din il-qorti:

Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) in vista tad-dikjarazzjoni guramentata.

Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlieta u hamsin elf sitt mija u tlieta u erbghin Euro u tmienja u erbghin centezmi (€53,643.48) dovuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Ottubru, 2007 u bl-imghax kummercjali ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament.

Rat ukoll l-istqarrija mahlufa minn Noel Cordina, rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi r-rikors mahluf u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda din ma wrietx ragunijiet ghala ghandha tithalla tikkontesta l-kawza.

Rat illi saru hlasijiet wara li nfethet il-kawza u ghalhekk il-bilanc nizel ghal sebgha u erbghin elf u tliet Euro u hamsa u disghin centezmi (€47, 003.95).

Billi ghalhekk l-artt.167 et seqq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet kif imnaqqsa ghal sebgha u erbghin elf u tliet Euro u hamsa u disghin centezmi (€47, 003.95) bl-ispejjez u l-imghax millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------